# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIELET SENA** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: Siegħa u nofs**

Isem: ____________________________________________ Klassi: _________________

**Taqsima A:** Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| it-tielet dinja | is-suq | il-qorti | *trade union* | tilwim industrijali |
| l-etika | stil ta' ħajja | l-identità nazzjonali | ugwaljanza | parteċipazzjoni tal-ħaddiema |
| aħbarijiet | valuri | E.T.C. | Unjoni Ewropea | biedja |

1. Imġiba korretta: ____________________________________________
2. Ġabra ta' ġrajjiet imxandra: ____________________________________________
3. Il-ħaddiema jieħdu sehem fit-tmexxija: ____________________________________________
4. Mod ta' kif wieħed jgħix: ____________________________________________
5. Settur primarju: ____________________________________________
6. Nuqqas ta' ftehim bejn il-ħaddiema u s-sidien: ____________________________________________
7. Kulħadd jiġi stmat indaqs: ____________________________________________
8. Tiddefendi id-drittijiet tal-ħaddiema: ____________________________________________
9. Bejgħ u xiri ta' oġġetti: ____________________________________________
10. Jgħallmuk tagħżel dak li hu sewwa: ____________________________________________
11. Malta ssieħbet fl- ____________________________________________
12. Post fejn titwettaq il-ġustizzja: ____________________________________________
13. Il-Korporazzjoni tax-xogħol u t-taħriġ: ____________________________________________
14. Pajjiżi fqar ħafna: ____________________________________________
15. Turi li aħna Maltin: ____________________________________________

**(15-il marka)**

**Taqsima B:**

Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

L-aħwa Rita u Joseph għandhom erbatax-il sena. Huma jattendu l-iskola sekondarja. Mill-iskola jaslu d-dar fit-tlieta u nofs. Jieħdu l-luminata u żewġ pastizzi. Jagħmlu l-*homework* ta' malajr għax fil-ħamsa jridu jiltaqgħu mal-ħbieb il-pjazza. Jaqbadhom il-ġuħ u jieklu pakkett ħelu. Jmorru d-dar fis-sebgħa biex jaraw il-programm favorit tagħhom. M'għandhomx aptit jieklu l-minestra li sajret ommhom u minflok fettlilhom inaqqru ftit gallettini u biċċa ċikkulata. Saru l-għaxra u ħassewhom għajjenin. Marru jorqdu!

a) Semmi xi affarijiet li jagħmlu Joseph u Rita li inti ma taqbilx magħhom.

______________________________

______________________________

______________________________ (4)

b) Taħseb li għandhom dieta bilanċjata? Għaliex?

______________________________

______________________________ (2)

ċ) X'jistgħu jagħmlu biex forsi l-ħin tagħhom jista' jitqassam aħjar?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (4)

d) Inti, kif tqattgħu l-ħin liberu tiegħek?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (4)

e) Semmi xi għaqda fejn inti tista' tiżviluppa l-karattru tiegħek.

______________________________ (1)

**(15-il marka)**

**Taqsima Ċ:** Ikteb sentenza b'dawn il-kliem biex toħroġ it-tifsira tagħhom.

Ċittadin

______________________________________________

Solidarjetà

______________________________________________

Refuġjat

______________________________________________

Rwol

______________________________________________

Konsumatur

______________________________________________

**(5x2=10 marki)**

**Taqsima D:** X'differenza hemm bejn:

Skola u Xogħol.

______________________________________________

______________________________________________

Saħħa mentali u saħħa personali.

______________________________________________

______________________________________________

Dmir u Dritt.

______________________________________________

______________________________________________

Valuri u Normi.

______________________________________________

______________________________________________

Settur Terzjarju u Settur Sekondarju.

______________________________________________

______________________________________________

**(10 marki)**

**Taqsima E:** Għid kif dawn jinfluwenzawk f'ħajtek

Il-ħbieb

______________________________________________

______________________________________________

Il-familja

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

It-televiżjoni

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

Ir-reliġjon

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

Ir-reklami

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(10 marki)**

**Taqsima F:**

Qabbel kolonna **A** ma' **B** billi tikteb n-numru fil-kolonna tan-nofs.

| A | | B |
|---|---|---|
| 1. L-anzjani jixirqilhom | | Soċjalizzazzjoni |
| 2. Il-Ġnus Magħquda hi organizzazzjoni li | | Komunità |
| 3. Proċess ta' tagħlim u edukazzjoni fir-regoli ta' mġiba fis-soċjetà u fil-grupp soċjali li tagħmel parti minnu. | | Nagħrfu l-karattru tiegħu |
| 4. Mill-mod kif wieħed iġib ruħu | | Għajnuna u rispett |
| 5. Nies jgħixu flimkien | | Tħares il-paċi fid-dinja |
| 6. Interazzjoni soċjali | | Soċjetà |
| 7. Mitt bniedem, mitt fehma | | Kulħadd għandu l-opinjoni tiegħu |
| 8. Tagħlim dwar is-soċjetà | | Valuri ċiviċi |
| 9. Solidarjetà, għajnuna, ftehim | | L-Istudji Soċjali |
| 10. Il-poplu fil-pajjiż | | Tista' ssir b'komunikazzjoni verbali u non verbali. |

**(10 marki)**

**Taqsima Ġ:** Fit-taqsima tal-kura tal-mard insibu diversi servizzi li qed ikunu ta' għajnuna kbira. Ikteb x'servizzi joffru dawn li ġejjin:

1. Sptar San Luqa ________________________________
2. Polikliniċi ________________________________
3. Sir Paul Boffa ________________________________
4. Sptar Monte Carmeli ________________________________
5. Sptar Craig (Għawdex) ________________________________

**(10 marki)**

**Taqsima G:** Agħżel wieħed u ikteb madwar 150 kelma dwaru:

1. Semmi żewġ dmirijiet u żewġ drittijiet tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol u ikteb fuqhom.

2. Is-saħħa hi l-egħżeż ħaġa għall-bniedem. Ikkummenta.

3. Kif nuri li nħobb ir-raħal/il-belt tiegħi.

____________________________________________

**(20 marka)**